

# Kit għat-Tagħlim

## Gwida għall-**Edukatur**

**SUĠĠETT ĠENERALI**

**KONKORS FOTOGRAFIKU:**

***L-ewro: Xi tfisser tħalina?***

## 1 – Il-Kuntest

### 1.1. – L-ewro: il-munita Ewropea f'għeluq l-għaxar snin

Fl-1 ta' Jannar 1999, l-**ewro** saret il-munita ta' madwar 300 miljun Ewropew. Il-muniti nazzjonali ta' 11-il Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall u Spanja) inbidlu mal-**ewro**, waqt li l-Greċja introduċiet l-ewro fl-2001. Il-politika monetarja f'dawn il-pajjiżi issa hija iffissata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

Matul l-ewwel tliet snin ta' eżistenza, hija kienet munita bla flus, użata bissħala "flus tal-kotba". Matul dan il-perjodu, l-ewro kienet munita inviżibbli għaċ-ċittadini Ewropej, ġaladarba l-karti tal-flus u tal-muniti nazzjonali tagħhom kienu għadhom jintużaw, bħala sub-unità tal-ewro.

### 1.2 – Fl-2002, l-ewro ssir realtà

Il-karti tal-flus u l-muniti tal-ewro kienu introdotti fl-1 ta' Jannar 2002, u ħadu post il-karti tal-flus u l-muniti tal-muniti nazzjonali.

Illum, il-karti tal-flus u l-muniti tal-**ewro** huma valuta legali f'16 minn 27 Stat Membru tal-UE: l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja (inklużi t-territorji u gżejjer li jappartjenu lil ċerti pajjiżi). Dawn il-pajjiżi flimkien jiffurmaw iż-żona tal-ewro, li issa għandha madwar **329 miljun abitant**.

L-**ewro** hija wkoll il-munita ta' Monako, tal-Belt tal-Vatikan u tar-Repubblika ta' San Marino, li għandhom Ftehimiet Monetarji speċjali mal-UE – anke jekk mhumiex membri tal-UE jew taż-żona tal-ewro.

Ir-Renju Unit u d-Danimarka nnegozjaw klawżoli *opt-out* mill-unjoni ekonomika u monetarja fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (It-Trattat ta' Maastricht), li nieda l-munita unika. Madankollu disa' Stati membri oħra (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Iżvezja) ser jadottaw **l-ewro** hekk kif huma jissodisfaw il-kriterji tal-konverġenza stabbiliti fit-Trattat ta' Maastricht.

## 2 – Il-Konkors

L-iskop tal-konkors huwa li jisfida liż-żgħażagħ biex jesploraw kif jirrelataw personalment mal-eżistenza ta' munita unika, l-ewro, u sabiex jifhmu l-istatus importanti tagħha fl-Unjoni Ewropea u fil-komunità internazzjonali.

Il-konkors huwa maħsub ukoll biex jgħin lill-għalliema u lill-istudenti jesploraw ir-rwol tal-ewro fil-bini ta' identità Ewropea komuni.



## 3 – Approċċ Konċettwali

Dan il-kit tat-tagħlim jipprovdi approċċ simplifikat lejn il-kunċetti monetarji sabiex organizzaturi mhux speċjalisti jistgħu jgħinu lill-persuni żgħażagħ jifhmu l-isfidi ewlenin fi prattiċi li rriżultaw mill-introduzzjoni tal-**ewro** u l-impatt tagħha fuq iċ-ċittadini.

**L-ewro hija 'munita'**

Hija fl-istess waqt **unità tal-kont, ħażna tal-valur** u **mezz ta' ħlas.**

Mill-1999, l-**ewro** kienet **l-unità tal-kont** użata fir-reġistrazzjoni tat-transazzjonijiet, notevolment bejn il-banek.

Bħala **mezz ta' ħlas**, l-**ewro** teżisti f'żewġ forom:

- bħala **flus kontanti** : il-karti tal-flus maħruġa bl-awtorità tal-BĊE u l-muniti maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali; u
- bħala **flus tal-kotba:** notevolament depożiti miżmuma mill-banek (inkluż il-**flus elettroniċi** użati f'sistemi ta' pagament elettroniċi).

L-**ewro** hija **ħażna ta' valur** (jew tfaddil). Il-flus imfaddla jistgħu jkunu maħ żuna ('moħbija taħt is-saqqu') jew investiti. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa l-garanti tal-valur tal-ewro.

**L-ewro hija 'munita' unika**

Il-munita unika tippermetti l-konsolidament tas-suq uniku Ewropew. Munita hija essenzjali għall-kummerċ u munita unika fl-Unjoni hija żieda loġika mal-moviment liberu tal-persuni, tal-prodotti, tal-kapital u tas-servizzi fis-suq uniku. Il-munita unika timplika libertà minn żvalutazzjonijiet kompetittivi bejn il-membri taż-żona tal-ewro (kompetizzjoni bejn il-muniti).

Il-parteċipazzjoni fl-ewro u fil-politika monetarja unika teħtieġ dixxiplina soda monetarja u baġitarja, li tikkontribwixxi għal stabbiltà tal-prezzijiet u rati ta' imgħax baxxi , li huma favorevoli għall-ekonomija. [1]
Biex ikun assigurat li l-munita unika tibqa' kredibbli, pajjiżi li jixtiequ jipparteċipaw fiha jridu jevitaw politiki ekonomiċi diverġenti. Meta jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar is-sodizza tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll dwar ir-rati tal-inflazzjoni u l-livelli tar-rati tal-imgħax (l-hekk imsejħa kriterji tal-konverġenza), il-pajjiżi juru r-riżoluzzjoni tagħhom li jimplimentaw politiki ekonomiċi orjentati lejn l-istabbilità.

**L-ewro u ċ-ċittadini tal-Ewropa**

L-introduzzjoni tal-**ewro** rrappreżentat qabża kbira fil-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Sa dak iż-żmien, il-produzzjoni tal-flus kien privileġġ sovran, il-prerogattiva tal-Istat. Il-wasla tal-**ewro** kkostitwiet trasferiment veru tas-sovranità mill-istati individwali lejn l-Unjoni Ewropea.

L-**ewro** biddlet ukoll il-perċezzjonijiet tal-Ewropa u ffaċilitat il-moviment bejn il-pajjiżi: ħielsa mill-uġigħ ta' ras tal-kalkulazzjonijiet tal-prezzijiet espressi f'muniti differenti u l-ispejjez relatati tal-kambju tal-munita, il-prezzijiet u l-livell tal-għajxien jistgħu jiġu mqabbla direttament.

---

[1] Rati ta' imgħax baxxi jippermetti kumpaniji li jisselfu flus għall-investiment bi spejjeż aktar baxxi. Bl-istess mod, il-kreditu lill-konsumatur jistimula l-konsum domestiku. Dawn iż-żewġ effetti flimkien jippromwovu t-tkabbir u l-impjiegi.



**Iż-żona tal-ewro fil-kriżi ekonomika dinjija**

Sa mill-2007, l-**ewro** wriet il-valur tagħha fi żmenijiet ta' kriżi. Is-saħħa u l-istabbiltà tagħha fl-ekonomija dinjija ippermettulha li tegħleb il-maltempata u b'hekk ipproteġiet l-Istati Membri fiż-żona tal-**ewro**.

Fid-*Direzzjoni Annwali dwar iż-Żona tal-Ewro* tas-7 ta' Ottubru 2009,[2] il-Kummissjoni Ewropea qalet: *'L-euro aġixxiet bħala lqugħ prezzjuż waqt il-kriżi. L-euro ipproteġiet iż-żona tal-euro b'mod effiċjenti mir-rata tal-kambju u t-taqlib tar-rata tal-imgħax li fl-imgħoddi tant kienu ta' ħsara għall-Istati Membri f'episodji ta' stress fis-swieq finanzjarji. '*

[2] http://eur-lex.europa.eu/Notice.do?checktexts=checkbox&val=502233%3Acs&pos=2&page=1&lang=mt&pgs=10&nbl=21&list=505800%3Acs%2C502233%3Acs%2C484736%3Acs%2C475534%3Acs%2C460334%3Acs%2C452319%3Acs%2C448314%3Acs%2C438287%3Acs%2C436242%3Acs%2C435691%3Acs%2C&hwords=communication%257Ezone%2Beuro%257E&action=GO&visu=%23texte



## 4 – Kriterji għas-Suċċess u Kriterji ta’ Evalwazzjoni Użati minn Panels Ewropej

| X’qed jiġi mfittex | X’inhu meħtieġ | X’ser ikun osservat u użat biex tkun evalwata kull biċċa xogħol |
|---|---|---|
| **Attivitajiet** | **Ikkunsidrat suċċess jekk:** | |
| Ritratt li jwieġeb għall-mistoqsija**, ‘L-ewro: Xi tfisser għalina?’** | a. Ir-ritratt jissodisfa l-għan li jillustra l-aspett konkret tal-munita unika għall-Ewropej żgħażagħ.<br>b. Ir-ritratt huwa adattat biex jintuża fil-preżentazzjoni tal-ewro, partikularment f’pajjiżi fejn għadu mhux introdott. | a. Iwassal il-messaġġ: ir-ritratt jenfassiza b’mod ċar l-aspett konkret tal-munita unika għaċ-ċittadini Ewropej.<br>b. Kreattività: l-oriġinalità tar-ritratt jew tal-montage.<br>c. Is-sbuħija formali tax-xogħol. |
| **Test introduttorju li jikkumplimenta jew jispjega r-ritratt** | a. Din l-introduzzjoni turi li l-linji ġenerali tal-istorja tal-introduzzjoni tal-munita unika huma ġeneralment aċċettati u mqiegħda fil-kuntest ġenerali tal-bini ta’ Ewropa magħquda.<br>b. Ix-xogħol huwa frott ta' riflessjoni kollettiva. | a. Il-kunċett ta’ ‘munita unika’ huwa inkorporat.<br>b. It-test jikkumplimenta r-ritratt b’illustrazzjoni tal-konsegwenzi l-oħra għall-Ewropej tal-adozzjoni tal-munita unika.<br>c. Il-fażijiet tax-xogħol bħala tim huma identifikati, ir-raġunijiet għall-għażla tas-suġġett tar-ritratt huma mfissra b’mod ċar, u r-rwol tal-persuna adulta hija dikjarata. |

## 5 – Introduzzjoni għall-pjan tal-lezzjoni

Il-persuni żgħażagħ li jieħdu sehem fil-konkors għandhom preferibbilment ikun diġà konxji tal-kwistjonijiet ekonomiċi u monetarji u għandhom konoxxenza rudimentali tal-istorja tal-integrazzjoni Ewropea.

Passi:

- Minħabba n-natura speċifika tas-suġġett, huwa rrakkomandat xogħol fi gruppi ta' tliet persuni żgħażagħ akkumpanjati minn persuna adulta li tissorvelja (ġenitur, membru ta' assoċjazzjoni, individwu kwalifikat). Il-persuni adulti jistgħu jmexxu aktar minn grupp wieħed.
- Il-mexxej tal-grupp għandu jkollu għarfien importanti x'jikkontribwixxi, jew bl-għoti ta' indirizzi tal-Internet adattati jew billi jagħti informazzjoni personalment.
- Il-parteċipanti għandhom ikunu inkorraġuti li jfittxu l-informazzjoni mill-midja (partikularment mill-Internet) u li jirriċerkaw u jirriflettu dwar il-kwistjonijiet.
- Preżentazzjonijiet, logħob ta' rwoli, eċċ, minn persuni żgħażagħ għandhom jintużaw estensivament biex jgħinuhom jaqsmu bejniethom il-kunċetti ppreżentati.

**Għejun multilingwali u biblijografiji fuq l-Internet**

**Is-siti 'uffiċjali' tal-Unjoni Ewropea** huma importanti b'mod partikulari – huwa essenzjali li l-persuni żgħażagħ jiżviluppaw l-ħerqa li jirreferu lejn dawn is-siti milli lejn għejun li ma jistgħux ikunu vverifikati.

A- **Is-sit tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomici u Finanzjarji (DG ECFIN)** hija r-riżorsa primarja: http://ec.europa.eu/dgs/economy_finance/index_en.html

### Riżorsi disponibbli fil-lingwi kollha tal-Unjoni:

### 1. Il-paġna prinċipali tal-ewro

http://ec.europa.eu/economy_finance/euro/index_mt.html

### 2. Is-sit tal-10 anniversarju tal-ewro, 'EMU@10'

http://ec.europa.eu/economy_finance/emu10/citizens_mt.html

**Dokumentarju dwar l-ewro**

http://ec.europa.eu/economy_finance/articles/euro/article13594_en.html

### 3. Informazzjoni għaż-żgħażagħ

http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/euro/kids/learn_mt.htm

### 4. Logħob, Kwiżż

http://ec.europa.eu/economy_finance/netstartsearch/euro/kids/index_mt.html

### 5. Dokumentazzjoni għall-pubbliku ġenerali (xi paġni huma disponibbli biss bl-Ingliż)

http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/general/index_en.html



**B-** **Is-sit tal-Bank Ċentrali Ewropew,** disponibbli fit-22 lingwa tal-Unjoni Ewropea, huwa riżors utli wkoll.

http://www.ecb.int/ecb/welcome/html/index.mt.html

http://www.ecb.int/euro/play/html/index.mt.html

**Riżorsi Oħra:**

http://www.aede.eu/uk/europe_in_the_making.html is-sit AEDE, disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bl-Ispanjol, jipprovdi informazzjoni utli, inkluż glossarju tekniku. Huwa ħsab primarjament għall-kbar u l-istudenti.

## 6 – Suġġeriment għall-Pjan ta' Lezzjoni

**1.** Dokumenti

**Il-kwiżż f'format adattat għall-wiri fuq skrin.**

**Kopja kull parteċipant tat**-tabella **'Kriterji għal Suċċess'**[3]

**Jekk mhux disponibbli aċċess għall-Internet,** stampa (bil-kulur) mappa tal-2009 taż-żona tal-ewro għal kull parteċipant

http://ec.europa.eu/economy_finance/euro/countries/index_mt.htm flimkiem mal-paġna http://ec.europa.eu/economy_finance/euro/why/index_mt.htm

**2.** Materjali

- Flip chart
- grid tat-tweġibiet tal-kwiżż
- karta għan-noti
- Jekk huwa possibli, video projector u aċċess b'veloċità għolja tal-Internet
- kamera kull grupp ta' ħidma
- Jekk huwa possibli, kompjuter laptop kull grupp u softwer għall-ipproċessar tal-immaġni
- Dizzjunarju (ta' termini ekonomiċi)

**3.** Organizzazzjoni tal-grupp jew klassi

*Irranġa l-kamra sabiex l-iskrin ikun viżibbli għal kull grupp.*

*1.* **Tul**: *sagħtejn*[4]

**4.** **Tmexxija tas-sessjoni**

L-ewwel sekwenza

L-ewwel sekwenza tiffoka fuq l-identifikazzjoni ta' approċċ u l-għbir ta' riżorsi dokumentarji, u dwar id-definizzjoni kollettiva mill-gruppi ta' żewġ jew tliet persuni żgħażagħ tal -metodoloġija li ser jużaw biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-'kriterji għal suċċess'.

---

[3] Ara fuq

[4] Is-sekwenzi kollha jistgħu jsiru f'żewġ sessjonijiet ta' siegħa kull waħda.



**Attività tal-klassi**

**Introduzzjoni** qasira

Ipprojetta l-'Kwiżż' - tweġibiet individwali fuq karta.

Ipprojetta (jew qassam) il-mappa taż-żona tal-**ewro:**
http://ec.europa.eu/economy_finance/euro/countries/index_mt.htm.

Fittex l-ismijiet tal-Istati Membri fiż-żona tal-**ewro** iktibhom fuq il-flip chart.

Ipprojetta l-paġna.

Għid lil wieħed mill-istudenti/persuni żgħażagħ biex jaqra b'vuċi għolja l-paragrafu introduttorju tal-paġna:

http://ec.europa.eu/economy_finance/euro/why/index_mt.htm

Itlob kliem u espressjonijiet diffiċli kollha u iktibhom fuq il-flip chart.

Fi gruppi

Fittex il-kliem t'hawn fuq u l-espressjonijiet kollha fid-dizzjunarju (jew itlob spjega mill-persuna adulta ta' sorveljanza).

Bħala grupp, ħejju tliet frażijiet biex tintroduċu l-ewro.

Iż-żgħażagħ għandhom jikkunsidraw, individwalment, jekk l-ewro affettwathomx jew le u għaliex.

Qassar it-tweġibiet tal-gruppi.

**Il-konkors**

Ippreżenta l-'kriterji għas-suċċess'.

**Il-grupp jabbozza strateġija biex**:

- jingħażel is-suġġett li għandu jkun illustrat,
- tiġi identifikata l-aħjar illustrazzjoni possibli.

Itlob lill-parteċipanti biex jirriċerkaw, qabel is-sekwenza li tmiss, eżempji ta' sitwazzjonijiet konkreti li fihom **l-ewro biddlet il-ħajja ta' żgħażagħ Ewropej.**

Informa lill-grupp li l-għażla tas-suġġett għar-ritratt ser issir matul it-tielet sekwenza.

**It-tieni sekwenza**

Fi gruppi

Bl-użu ta' artikli mill-gazzetti u dokumentazzjoni oħra, kull grupp jabbozza lista ta' sitwazzjonijiet konkreti li fihom jissemma' l-użu tal-**ewro:**

- fl-ambjent immedjat tagħhom,
- f'pajjiżhom,
- fl-Ewropa.

Kull grupp jagħżel sitwazzjoni u jipprepara:

- ambjent għal rappreżentazzjoni quddiem il-grupp kollu,
- test qasir miktub bħala komunikat għall-istampa.



Attività tal-klassi

Kull grupp jippreżenta is-sitwazzjoni li huma għa żlu f'forma ta' logħob ta' rwoli , u jippreżentaw 'il-komunikat għall-istampa' tagħhom.

Diskussjoni ġenerali u sinteżi tal-grupp.

Għas-sekwenza li tmiss, kull parteċipant għandu jfittex ritratt (fil-gazzetti jew fuq l-Internet) u/jew jiġbed ritratt biex jillustra is-sitwazzjonijiet ippreżentati.

It-tielet sekwenza

Fi gruppi

Studju tar-ritratti misjuba jew miġbuda.

Il-kummenti fuq kull ritratt jiddaħħlu fil-grid li ġejja:

| Indikazzjoni tas-sitwazzjoni u relevanza | Kwalità tal-kompożizzjoni u tal-immaġni |
|---|---|
| | |

Sommarju tal-grid tal-'objettivi għas-suċċess'.

Xi **problemi jridu jkunu solvuti** biex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti?

L-istess grid hija użata biex tisintetizza t-tweġibiet.

*X'sitwazzjoni jew liema oġġett nixtiequ niffotografaw għall-konkors?*

*Ma jkunx aktar utli (eħfef) li noħolqu photomontage?*

*Kif? Għaliex?*

- Qassar it-tweġibiet u għażel suġġett (żomm f'moħħok l-fattibiltà tar-ritratt jew montage).
- Il-grupp jabbozza l-iskript (f'inqas minn 150 karattru) u t-tweġibiet għall–mistoqsijiet fuq il-formola ta' sottomissjoni (massimu ta' 500 karattru kull waħda).
- Il-grupp ifassal skeda tax-xogħol u jassenjahom lill-membri tal-grupp.

**Ir-raba' sekwenza**

Fi gruppi

Irrevedi x-xogħol li għandu jsir minn kull persuna.

Iġbed ir-ritratt jew oħloq il-montage.

Iffinalizza t-test tal-preżentazzjoni.

Attività tal-klassi

Preżentazzjoni tar-ritratti.

Il-gruppi jippreżentaw r-riżultati tax-xogħol tagħhom bil-qari tat-test li huma ppreparaw.

Diskussjoni ġenerali.

Fi gruppi

Il-gruppi jirranġaw ir-ritratt tagħhom jew jagħmlu l-bidlet meħtieġa għat-test.